MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## DOREEN CLARKE

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1117/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Francesco Zanfardino**

Kumpilazzjoni Nru: 1117/2011

Illum, 6 ta’ Ottubru, 2011

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Francesco Zanfardino ta’ 34 sena, bin Luigi u Anna nee’ Maiello, imwieled Afragola l-Italja fit-18 ta’ Gunju 1977, residenti Flat 6, Halman Appartments, Triq Mons. A.Bonnici, Swatar, u detentur tal-karta tal-identita Taljana numru AT 0150575.

Akkuzat talli Fil-lejl ta' bejn il-5 u 6 t' Ottubru 2011, minn gewwa l-fond Hugo's, Triq it-Tarag ta' St. Rita, San Giljan, ikkommetta serq ta' mobile phone ghad dannu ta' Sarah Ingerborg, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-hin, u aktar talli;

Fil-lejl ta' bejn il-5 u 6 t' Ottubru 2011, minn gewwa l-fond Hugo's, Triq it-Tarag ta' St. Rita, San Giljan, ikkommetta serq ta' mobile phone ghad dannu ta' Beatrice Catherine Bogat, liema serq huwa aggravat bil-hin.

Rat l-artikoli 261(c)(f), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikrui ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(f), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet

migjuba kontra tieghu u tikkundannah sena (1) prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed tigi sospieza ghal perjodu ta' tmintax (18) il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------